**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 331/2020 AGV;</u>**

**A B**

**Vs**

**Dr Victor Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer mahtura kuraturi deputati, b' d' digriet tal- 1 ta' Ottubru 2020, ghall-assenti CD B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' A B datat 25 ta' Settembru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lil CDB fit-8 ta' Gunju 1988 u minn daz-zwieg kellhom tifel EF , llum maggorenni;
2. Illi l-partijiet sseperaw in forza ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tas- 6 ta' Dicembru 2007 sentenza immarkata Dok SA 1.

3. Illi skont l-istess sentenza, ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il- partijiet reciprokament u illum lanqas lejn l-iben stante li llum huwa maggorenni.
4. Illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni anka ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-artiklolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai temini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien hekk prefiss mil-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex tali divorzju jigi debitament irregistrat skont il-ligi.

U dana that dawk il-provvedimenti li l-istess Qorti jidhirlha xierqa u opportuni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Victor J. Bugeja et nominee datata 20 ta Ottubru 2020;**

a. Illi prelimarjament l-eccipjenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.
b. Illi r-rikorrenti ghandu qabel xejn jiddikjara jekk ghandux indirizz fejn il-kuraturi jistghu jikkomunikaw mill-intimata.
c. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat li r-rikors kien gie mahluf u kkonfermat bil-gurament tal-istess rikorrenti.

Rat illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ sentenza tal-2007, fejn l-intimata kienet rapprezentata wkoll minn kuraturi deputati dak iz-zmien.

Rat li, ghalhekk, ir-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew sodisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez a karigu tar-rikorrent  AB.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**